MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 252/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph Mallia (K.I. Numru 867853 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' Marzu, 2015 li bih is-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c.** għar-raġunijiet imfissra għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 21 ta' Novembru 2008 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Joseph Mallia;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Joseph Mallia fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin euro u ħdax - il ċenteżmu (€35,495.11) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B28", "C1 sa C2" u Dok "D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-09 ta' Jannar 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (esebiti bħala Dokumenti "A", "D", "E" u "F"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Mallia:*

    *(a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Joseph Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-konvenut Joseph Mallia ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' April, 2014, li kopja tagħha ġiet esebita u mmarkata Dok. "E", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (esebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Mallia (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Joseph Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil Joseph Mallia jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u tletin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin euro u ħdax -il ċenteżmu (€35,495.11) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B28", Dok. "C1 sa C2" u Dok "D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' April, 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Inibizzjoni li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut għalkemm debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk kien kontumaċi.

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti kollha li ġew esebiti mis-soċjetà attriċi.

Semgħet ix-xhieda ta' Rose Cortis prodotta mis-soċjetà attriċi.

Billi mill-provi mhux kontradetti u fil-kontumaċja tal-konvenut, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tkkundanna lill-konvenut Joseph Mallia jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsa u tletin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin euro u ħdax-il ċenteżmu (€35,495.11) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-konvenut Joseph Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B28", Dok. "C1 sa C2" u Dok "D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' April, 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentati kontestwalment mar-Rikors Maħluf, a karigu tal-konvenut.**

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------